KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Id-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6/26

12 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fis-2:00 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Vincent Bongailas - Kunsillier
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:**
Maria Sultana - Kunsilliera

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**6.26.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

6.26.1.1 Il-Kunsilliera Maria Sultana nfurmat lill-Kunsill Lokali permezz ta' email li minħabba li tinsab imsiefra, ma tistax tattendi għal-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-2:10pm

**6.26.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

6.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 5.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.
Il-Viċi Sindku Speranza Chircop ipproponiet u l-Kunsillier Vince Bongailas issekonda l-minuti ta' seduta 5.26 Il-minuti ġew approvati unanimament.
Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**6.26.3** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Laqgħa rigward il-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma**

6.26.3.1 Is-Sindku nforma lill-kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, fit-18 ta' Mejju, attenda għat-tnedija tas-servizz ta' ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-Kunsilli Lokali . Huwa fakkar li f'seduti preċedenti kien hemm qbil li la darba issa fl-amministrattiv għandna numru ta' ħaddiema klerikali, dan is-servizz jista' jibda jingħata fil-Kunsill Lokali tagħna wkoll. Is-Sindku nforma li dan is-servizz ser jibda' jingħata fil-Kunsill Lokali mill-1 ta' Lulju 2026.

**Jum il-Librerija 2026**

6.26.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fit-22 ta' Mejju, flimkien mal-Kunsilliera Maria Sultana u bis-sehem tat-tfal tal-iskola, ġiet imtellà għall-5 sena konsekuttiva, 'Jum il-Librerija Patri Wistin Born'. F'din l-attività, li l-għan tagħha huwa li nkomplu nippromwovu l-qari f'raħalna, ingħata wkoll rikonoxximent lil Katrina Persico bħala l-aktar tifla li sselfet kotba matul is-sena 2025 mill-librerija Pubblika tal-Kalkara. Dakinhar, grazzi għall-aġenzija nazzjonali għall-litteriżmu, l-Kunsill lokali tagħna ġie ppreżentat b'għaxar kaxxi kotba sabiex jitpoġġew fil-libreriji fil-miftuħ li għandna madwar ir-raħal.

**Għoti ta' fondi taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali SPI/SCI/01/2026**

6.26.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tnejn 25 ta' Mejju 2026, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, attenda għall-għoti ta' fondi taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali SPI/SCI/01/2026. Is-Sur Aquilina qal ukoll li dakinhar, ingħatajna l-konferma li l-Kunsill Lokali tagħna ser ikun qiegħed jirċievi l-ammont ta' €20,000, sabiex fl-1 ta' Awwissu norganizzaw il-5 edizzjoni ta' Lejla Rnella.

**Restawr ta' ritratti tad-9 leġislaturi tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara**

6.26.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-25 ta' Mejju 2026, waslu lura 9 inkwatri tar-ritratti tad-9 leġislaturi tal-Kunsill Lokali mill-1994 'l hawn wara li kienu ttieħdu mill-uffiċċju tiegħu għar-restawr u frames ġodda. Dawn ir-ritratti kellhom bżonn dawra tajba sabiex b'hekk jibqgħu rrikonoxxuti l-Kunsilliera u segretarji eżekuttivi kollha li b'xi mod taw is-sehem tagħhom fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Kalkara. L-ammont totali ta' dan ix-xogħol, ġie jiswa' €648.00.

**Laqgħa mal-Puluzija tal-komunita' rigward vetturi kbar ipparkjati fi Triq Santa Liberata**

6.26.3.5 Is-Sindku nforma lil kunsill illi fis-26 ta' Mejju 2026, saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità flimkien mas-sidien ta' kumpanija li kellha numru ta' vetturi kbar li kienu qegħdin jiġu pparkjati fi Triq Santa Liberata (qrib il-Kunvent tal-Patrijiet tal-Kapuċċini). Huwa qal li b'komunikazzjoni pożittiva magħhom, kien hemm qbil li dawn il-vetturi ma jibqgħux jiġu pparkjati hemm. Huwa saħaq li jħares 'il quddiem sabiex din il-laqgħa tħalli r-riżultati meħtieġa wara li numru ta' lmenti fuq dawn il-vetturi li kienu qed jokkupaw il-post b'nuqqas ta' rispett lejn bosta li jkunu jixtiequ jipparkjaw hemm biex jattendu l-quddies u/jew id-duttrina għand il-Kapuċċini. Il-Kunsillier Vince Bongailas għadda suġġeriment sabiex tiġi ikkunsidrata li ssir 'bye law' sabiex ma jipparkjawx vetturi kbar f'dik iż-żona. Is-Sindku wieġeb u qara email li bagħat anke lit-TM fit-28 ta' April, sabiex jara hux permess li dawn jitneħħew minn din it-triq u titwaħħal tabella 'Parking for light vehicles only', però skont TM dan mhux possibli minħabba l-fatt li vetturi ta' 9 metri jew inqas jistgħu jkunu pparkjati barra diment li ma jkunux ta periklu.

**Intervista mis-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara fl-okkażżjoni tal-għaxar anniversarju tal-Esplora fil-Kalkara**

6.26.3.6 Fis-26 ta' Mejju, is-Sindku qal li rrikordja intervista fl-irwol tiegħu ta' Sindku sabiex f'isem il-Kunsill Lokali tal-Kalkara jagħti l-perspettiva tiegħu waqt dokumentarju li qed jiġi mħejji fl-okażżjoni tal-għaxar anniversarju tal-Esplora fil-Kalkara. Dan id-dokumentarju/filmat mistenni jiġi mniedi lejn Settembru li ġej.

**Laqgħa mal-proprjetarju ta' Boutique Hotel**

6.26.3.7 Is-Sindku nforma lil kunsill illi t-Tlieta 2 ta' Ġunju 2026, fil-preżenza wkoll tas-Segretarju Eżekuttiv, huwa kellu laqgħa fl-uffiċju tiegħu mas-Sur Mario Bonnici, li huwa proprjetarju tal-Boutique Hotel li qed titlesta x-Xatt. Huwa saħaq li din il-laqgħa saret wara talba li kellu mill-istess sid. Is-Sur Bonnici spjega l-ħsieb tiegħu wara l-applikazzjoni PA/03111/26 għall-imwejjed u s-siġġijiet wara li segwa dak li ġie diskuss fl-aħħar seduta tal-Kunsill lokali fejn b'mod unanimu l-Kunsill lokali tagħna qabel li noġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li huwa kien ċar li filwaqt li rrispetta l-ħsieb tiegħu għal din l-applikazzjoni, l-Kunsill Lokali ser jibqa' ma' din il-pożizzjoni u filfatt qal li qed tiġi mħejjija l-oġġezzjoni tagħna sabiex tiddaħħal quddiem l-awtorità tal-ippjannar.

**Oġġezzjoni għall-applikazzjoni PA/03111/26**

6.26.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-11 ta' Ġunju 2026, kif kien maqbul fl-aħħar seduta tal-Kunsill Lokali, informahom li s-Segretarju Eżekuttiv daħlet l-oġġezzjoni tagħna għall-applikazzjoni PA/03111/26, rigward il-proposta ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem 36-42, Triq ix-Xatt. Huwa qal wkoll li għal din l-oġġezzjoni, il-kunsill lokali rċieva l-konferma tar-riċevuta tas-sottomissjoni.

**6.26.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

6.26.4.1 Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop:

Infurmat lill-Kunsill li qiegħda torganizza ħarġa għal Għawdex filgħaxija.

Nhar it-Tlieta hu ppjanat li ssir il-ħarġa għall-irġiel kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti.

Fl-10 ta' Ġunju 2026, saret laqgħa mar-'Red Cross' fuq first aid lill-anzjani li kienet ferm interessanti.

Fix-xahar ta' Mejju għaddiet l-ammont ta' €70.00 lill-patrijiet tal-Kapuċċini minn dak li kien baqa' żejjed mill-klassijiet li torganizza u mill-ħruġ.

6.26.4.2 Il-Kunsillier, is-Sur Vince Bongailas:

Qed jipprepara sabiex iħejji il-klassijiet tal-eżerċizzji u s'issa għandu madwar 16 -il persuna nteressati. Se jkunu qed jiltaqgħu daqt sabiex jimlew il-formali tal-applikazzjoni.

6.26.4.3 Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Bruno:

Semma li fi Triq Patri Mattew Sultana li hemm bżonn isiru xi sinjali/tabelli sabiex jindikaw li jridu jsuqu bil-mod fihom. Is-Sindku wieġeb li qatt ma kellu ilmenti fuq dan ir-rigward.

**6.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

6.26.5.1 Il-Viċi Sindku Speranza Chircop staqsiet huwiex possibbli jsir 'railing' fi Triq MRO. Lorenzo Gonzi fuq in-naħa ta' Villa Portelli u s-Sindku wieġeb li dik in-naħa tat-triq mhux suppost jimxu fuqha, iżda suppost jimxu fuq in-naħa ta' fejn hemm il-bankina. Is-Sindku ippropona li minflok jkun aktar għaqli li forsi ssir 'zebra crossing' lejn tarf it-triq fejn hemm il-'one way' kif ukoll titranġa l-bankina biex tkun nieżla aktar għall-baxx u anke fuq in-naħa opposta. Is-Sindku ppropona sabiex jinbeda l-proċess biex naraw x'inhuwa rikjest sabiex it-triq tiġi aktar sigura. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

6.26.5.2 Is-Sa Speranza Chircop staqsiet lis-Sindku huwiex possibbli jitneħħew il-ġebel li tela' fuq il-bajja ta' Rnella. Is-Sindku wieġeb li l-Ġimgħa 5 ta' Ġunju bagħat lid-Diviżjoni tat-tindif u Manutenzzjoni u daħħal rapport bin-numru tat-ticket 944251

**6.26.6 Tenders – Soft Areas u Trejqet iċ-Ċimiterju**

5.26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li t-tender għas-Soft areas wasal biex jagħlaq għal Ottubru u għaldaqstant ġie mħejji d-draft tat-tender u ġie midjur mill-contracts manager tal-Kunsill fejn ser jiġi ppublikat daqt.

5.26.7 **Avukat għall-ittri ta' rappreżentazzjoni u bordijiet ta' Appell.**

5.26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-bżonn li l-Kunsill Lokali jkollu avukat assoċjat għal dawn imsemmija. Ġie maqbul unanimament li l-Kunsill Lokali ser ikun qed jagħti ittri relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar lill-Avukat Dr. Axl Camilleri. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5.26.8 **Animal First Aid Course**

5.26.8.1 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill lokali għandu japplika sabiex isiru korsijiet ta' l-ewwel għajnuna lill-annimali fil-lokal permezz tal-inizjattiva maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

5.26.9 **SPI/SCI/04/2026 – Finanzjament Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Maġġuri mwettqa mill-Gvern Ċentrali.**

5.26.9.1 Ġie maqbul b'mod unanimu li l-Kunsill japplika sabiex il-fanali f'Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 sa Dawret Fra Giovanni Bighi għandhom jinbidlu minħabba li jinstabu fi stat deterjorat u perikoluż.

5.26.10 **Ħinijiet tal-Latrina Pubblika u Għeluq ta' Parti mill-Misraħ l-Arċisqof Gonzi**

5.26.10.1 Ġie maqbul unanimament li il-latrina pubblika tax-Xatt tibda' tingħalaq fil-11:00pm fi tmiem il-Ġimgħa (Ġimgħa, Sibt u Ħadd) mis-26 ta' Ġunju 2026 sal-20 ta' Settembru 2026, u fost il-ġimgħa matul l-istess perjodu, il-latrina pubblika tax-Xatt se tibqà miftuħa sal-10:00pm. Il-karreġjata ta' naħa tal-ħwienet f'Misraħ l-Arċisqof Gonzi se tibda' tingħalaq mis-7:30pm sal-11:00pm fi tmiem il-ġimgħa għal l-istess perjodu msemmi.

5.26.11 **Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar**

5.26.11.1 Intbagħtet l-ittra ta' rappreżentazzjoni assoċjata mal-applikazzjoni PA/03111/26 kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill Lokali qabel li joġġezzjona għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq ix-Xatt, Kalkara.

5.26.11.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew approvati is-27 appartament fi Triq it-Turretta c/w Triq Patri Mattew Sultana, viċin il-Curt Ruts. Dan il-permess ġie approvat wara bosta kontroversji.

5.26.12 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

5.26.12.1 Is-Sindku fakkar illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsilliera l-ġimgħa l-oħra biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti. Is-Sur Christopher Bruno ippropona u s-Sa. Speranza Chircop issekondat. Il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nklużi fl-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

**5.26.13** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Speranza Chircop u issekondata mill-Kunsillier Vince Bongailas, il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju fis-2:00pm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5.26.13.1 Is-seduta ntemmet fit-15:28, wara li ġiet eżawrita l-aġenda.

Konfermati, illum 02 ta' Lulju, 2026

Wayne Aquilina
Sindku

Karen Scicluna
Segretarju Eżekuttiv